MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2007

Numru 765/2007

Il-Pulizija
(Sp Dennis Theuma)
vs
Charles Gouder, ibe Carmelo, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ lulju, 1971

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
a. talli fit-12 ta’ ottubru, 2005 ikkometta serq ta’ ‘ticketing machine’ minn ġo vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBY 381, għad-dannu tal-Awtorita’ Dwar it-Trasport, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-Lm100 iżda anqas minn Lm500 u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
b. talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanżi volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, speċifikatament l-imsemmija

‘ticketing machine’ għad-dannu tal-Awtorita’ dwar it-Trasport, liema ħsara teċċedi l-Lm10 iżda ma teċċediex il-Lm50.

c. talli kiser il-kondizzjoni ta’ sentenza ta’ sentejn probation tas-16 ta’ novembru, 2004 u imposta fuqu minn din il-Qorti, diversament presjeduta, liema sentenza hi definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta’ ottubru, 2007 fejn rrizulta li l-imputat ma għamel ebda ħsara.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta’ ottubru, 2007 fejn l-imputat ammetta l-ewwel u it-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu hati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(g), 264, 267, 271(g), 279(a) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------